MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2012

Appell Kriminali Numru. 343/2011

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Kenneth Ellul**

Illum 27 ta' Lulju, 2012
Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Akkuzat talli gewwa San Giljan mix-Xatt tal-bajja ta' San Gorg fit-12 ta' April 2005, ghall-habta tal-11:30am ikkommetta serq ta' Laptop computer tal-marka Zithez, u diversi accessorji ohra a detriment ta' Anderson Marianne Thorgny minn tas-Sliema minn San Gwann; liema serq jeccedi l-hames mitt lira Maltin izda ma jeccedix l-Elf Lira Maltin u kkwalifikat, bix-xort tal-haga misruqa, bil-valur u bil-mezz u dan ai termini tal-artikoli 261,263, 267, 271(g), 279(a) u 281(a) tal-kodici Kriminali, Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew

immobbli, meta ghamel hsara fuq Vettura tal-ghamla Hyundai Atos b'numru ta' registrazzjoni IMK 128 ghad-dannu ta' Marshall Ltd Tal-Fgura u dan ai terminu tal-artikolu 325 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli f'dawn il-gzejjer fl-istess data u fil-jiem ta' wara, f'diversi lokalitajiet, xjentement f'Malta laqgha ghandu jew xtara, hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal sabiex ibiegh jew imexxi dawn l-oggetti. Ai termini tal-artikolu 334(a) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

U aktar talli nhar it-12 ta' April 2005 ghall-habta ta' 2:00pm gewwa l-ghassa tal-Pulizija tal-Belt Valletta il-qerq holoq jew gieghel jidher li donnu kien hemm fatt jew cirkostanza sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu il-quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat billi ddenunzja lil pulizija ezekutiva reat li taf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li jistaw jinbdew procedure kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar u dan ai terminu tal-artiklu 110 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilement mitluba titratta mal-imputat bhala li huwa irrenda ruhu ricediva u dan wara li nstab hati b'diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta liema sentenzi saru definittiviu ma jistghux jinbidlu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta' Lulju, 2011 fejn il-Qorti, sabet lill-imputat hati tal-ewwel akkuza u r-raba u l-hames akkuza u mhux hati tat-tieni akkuza fuq nuqqas ta' provi u tat-tielet akkuza stanté li hija alternattiva ghall-ewwel akkuza li minnhom illiberatu u wara li rat l-artikli 49 u 50 261,263, 267, 271 (g), 279(a), 281(a), u 110 kollha taht il-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat ghal ghaxar xhur prigunerija.

Din il-piena giet akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-Fedina Penali rafrettarja tal-imputat li ma tippermetti ebda piena alternattiva.

Rat ir-rikors tal-appellant Kenneth Ellul pprezentat fis-27 ta' Lulju, 2011 fejn talab lil din il-Qorti sabiex:

Tirriforma s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi b'dan illi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant mhux hati tat-tieni u t-tielet akkuza, thassar, tirrevoka u tannulla –sentenza f'dik il-parti fejn sabitu hati u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, htija jew piena; jew alternattivament, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti xorta ssib htija fil-konfront tal-appellant, tirrevoka l-piena nflitta u minflok timmodifika l-istess sentenza billi tirriduci l-piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi fl-ewwel lok, l-imputat gie misjub hati tal-ewwel, tar-raba` u tal-hames akkuiza. Jigi umilment rilevat illi fil-konfront tal-imputat, illum l-appellant, kien hemm addebitati lilu erba` akkuzi u mhux hamsa. Dan jirrizulta kemm mit-tahrika tal-Pulizija, li hija ezebita a fol. 1 u 2 tal-process odjern, kif ukoll mis-sentenza mertu ghal dan l-appell. Bid-dovut rispett lejn l-ewwel Qorti, il-fatt li l-imputat instab hati ta' aklkuza li fil-verita` ma tirrizultax mill-process johloq dubju serju ghal liema akkuzi l-imputat instab hati jew sahansitra minn liema imputazzjonijiet gie liberat, u ghalhekk huwa ghandu jigi jiberat mill-akkuzi kollha kif gew adebitati lilu.

2. Illi fit-tieni lok u in kwantu ghall-ewwel imputazzjoni, u cioe` dik ta' serq aggravat, jigi umilment rilevat li l-appellant qatt ma seta` jinstab hati ta' dan id-delitt. Tali reat huwa wiehed li ghandu jigi ppruvat lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, xi haga li l-prosekuzjoni naqset milli taghmel. Ghal Kuntrarju, il-prosekuzjoni ma

gabet l-ebda prova rilevanti ghar-reat ta’ serq, lanqas fuq grad ta’ probabilita`. L-unika xhud prodott mill-prosekuzjoni li seta` b’ xi mod ikun rilevanti ghal dan il-kaz kien PC880 N. Pantalleresco. Jidher illi l-ewwel Qorti strahet fuq ix-xhieda ta’ dan il-kuntistabbli izda bid-dovut rispett lejn l-istess Qorti, jidher li din ma fehemitx sew dak li xehed PC880.

PC880 xehed, a fol.67 u 68 tal-process odjern, illi huwa lemah lill-appellant riekeb f’karozza wieqfa u ra persuna ohra, mhux lill-imputat kif spjegat l-ewwel Qorti fis-sentenza mertu ghal dan l-appell, jigri b’bagalja sewda. PC880 jghid ukoll li kienet il-persuna li kellha l-bagalja sewda li ppanikjat x’hin rat lilu – u mhux l-imputat. Izda dwar dan fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti, erronjament qalet hekk meta spjegat ix-xhieda ta’ PC880:

*“Huwa (PC880) xhed illi l-ewwel darba li lemah lill-imputat huwa kien tielgha bil-bagalja sewda f’idu... PC880 xehed li huwa ta daqq [t’ghajn, u] meta Kenneth Ellul induna bih ippanikja, waqaf naqra imbghad telaq jigri ma’ persuna ohra.”*

PC880 qatt ma xehed li huwa ra lill-appellant jigri b’bagalja f’idu kif erronjament hasbet l-ewwel Qorti, u lanqas li l-appellant kif ra lil PC880 ippanikja. Dan jirrizulta ampjament car mix-xhieda ta’ PC880 ezebita a fol. 67 u 68 tal-process.

Illi anke ghall-grazzja tal-arbument li kieku vera kien l-imputat li kien riekeb fil-vettura Austin Metro li mbghad telqet minn fuq il-post, dan il-fatt biss ma jrendix lill-appellant hati tar-reat ta’ serq. Il-fatt biss illi persuna, li f’ghajnejn kuntistabbli tal-Pulizija tkun qed tagixxi b’mod suspettuz, tirkeb f’karozza ta’ haddiehor u x-xufier jitlaq minn fuq il-post, ma trendix lil dak ix-xufier passibli ghar-reat ta’ serq aggravat. Semmai, l-imputazzjoni f’ dak is-sens fil-konfront tal-appellant kellha tkun wahda ta’ komplicita`, li wkoll fic-cirkostanzi kellha tkun sorretta minn provi li jissodisfaw il-grad rikjest mil-ligi inkwantu ghar-reat ta’ komplicita` f’serq , bhal per ezempju l-element tal-

*common design* bejn il-komplici u l-awtur, prova li f'dan il-kaz zgur li ma ngabitx mill-prosekuzjoni.

PC880 kull ma ra kien persuna tigri b'bagalja sewda, liema persuna baqgjhet ma gietx identifikata, multo magis kenmm setghet titressaq prova li kien hemm xi forma ta' ftehim in propozitu. Xehed ukoll li lemah lill-imputat jitlaq minn fuq il-post u jghid li ma waqafx meta dan paqpaqlu. PC880 jghid li l-imputat kien qieghed jahrab minn fuq il-post pero` jghid ukoll, stranament, li dan waqaf fuq il-lights. PC880 ma ra lill-hadd iwettaq din is-serqa, la lill-appellant u lanqas lill-persuna l-ohra (mhux identifikata) li kellha bagalja sewda. Ghalhekk fuq bazi ta' suppozizzjonijijiet, l-appellant qatt ma seta jinstab hati tar-reat ta' serq kif adebitat lilu ghax il-prosekuzzjoni ma lahqitx il-grad ta' prova rikjest mil-ligi. Inoltre, l-elementi tar-reat tas-serq, li llum il-gurnata huma pacifici u ben stabbiliti fil-gurisprudenza nostrana, ma gewx pruvati fil-konfront tal-appellant.

Illi bid-dovut rispett lejn l-ewwel Qorti, fis-sentenza taghha tghid li rrizultalha b'mod anke ampju, li kien l-appellant li wettaq is-serqa in kwistjoni. F'kamp penali biex l-elementi ta' reat jirrizultaw b'mod ampju l-Qorti ma tistax tistrieh fuq suppozizzjonijiet, imm ghandha tara' li l-elementi li jikonstitwixxu r-reat li ghalih ikun qieghed jirrispondi l-gudikabbli jissussistu lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. L-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi, u ghalhekk il-principju ben stabbilit li l-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax id-decizjoni tal-ewwel Qorti kemm il-darba din tkun setghet ragonevolment u legalment tasal ghad-decizjoni taghha m'ghandux japplika f' dan il-kaz.

Illi bhala forma ta' alibi l-appellant isostni li dakinhar tas-serqa kienet insterqet il-vettur tieghu waqt li huwa kellu seduta quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta). In sostenn ma' dak li xehed l-appellant, gie pprezentat rapport tal-Pulizija kif ukol gie pprezentat verbal mid-Deputat Registratur tal-Qorti li jindika li dakinhar tas-serqa l-appellant vera kellu seduta quddiem il-Qorti tal-Magistrati, liema seduta kienet giet differita ghal data ohra. In kwantu ghal din l-alibi, l-ewwel Qorti tghid hekk:

*'Illi minkejja li l-imputat jipprotesta illi huwa kellu seduta l-Qorti u ghaldaqstant ma kienx possibli li hu jewttaq din is-serqa f'San Giljan kwazi Pembroke, dan gie kompletament kontradett xjentifikament il-ghaliex ir-"recievers" tal-Go Mobile identifikaw it-telefonati tieghu waqt li huwa [l-appellant] kien ghaddej mill-Madliena."*

Illi ghalhekk jidher car illi l-provi l-ewwel Qorti strahet fuqhom biex issib lill-imputat hati tar-reat ta' serq aggravat kienet ix-xhieda ta' PC880, li kif gie debitament spjegat l-ewwel Qorti ma fehemitx sew, kif ukoll din ix-xhieda xjentifika li ghaliha saret referenza.

Illi jigi umilment rilevat illi l-ewwel Qorti ma messha qatt ghamlet referenza ghal dawn id-dokumenti u ghal din il-forma ta' xhieda xjenifika. Dan ghaliex dawn id-dokumenti joholqu dubju kbir, u f'kamp penali tali dubju kellu jmur favur l-imputat – *in dubbio pro reo*. Il-kontenut ta' dawn id-dokumenti jindika, b'mod mill-aktar car, li dawn qatt ma jistghu jservu bhala prova fil-kamp penali. Dok. MT8, esebit a fol. 40 tal-process odjern, ffirmat minn certu Annabelle Borg, jispjega illi: *"any information that go mobiole has acquired on a prepaid user is informal and may be unreliable"*. Dok MT9, esebit a fol. 45 tal-process odjern, jghid illi "...*these localisation can onlybe deemed as being an estimate: the mobile phone may have contacted to these antennas even though it was outside the area normally covered by these same antennas".* Id-dokument esebiot a fol. 47 tal-process odjern jirrepeti li *"any information acquired on a prepaid user is informal and unreliable"*.

Illi invista tal-premess, meta wiehed jikkunsidra li l-prova xjentifika li fuqha strahet l-ewwel Qorti hija wahda *'unreliable'*, u li l-process ta' *localisation* li sar dwar it-telefonati li allegatament ghamel l-appellant *'can only be deemed as being an estimate'*, u l-fatt li *'the mobile phone may have contacted to these antennas even though it was outside the area normally covered by these same antennas'* l-appellant isibha difficli hafna biex jifhem kif l-ewwel Qorti setghet issibu hati lil hin minn kull dubju

ragonevoli tal-akkuzi li taghhom instab hati. Inoltre, ma ngabet l-ebda prova mill-prosekuzzjoni liema parti ta' Malta hija *'normally covered by these same antennas"*. Dan ifisser li fil-mori tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti ma giex stabbilit fejn kien jinstab l-appellant dak il-hin tas-serqa, hlief fuq il-livell tal-grad tal-'possibli'.

Illi apparti min dan premess, ma ngabitx l-ahjar prova, jew addirittura xi forma ta' prova diretta, mill-prosekuzjoni li n-numru tac-cellulari (79539906) li dwaru kienet saret ir-ricerka xjentifika kien jappartjeni lil imputat. L-ispettur Tonna jghid fix-xhieda tieghu, a fol.19 tal-process, li kien talab lill-appellant in-numur tac-cellulari tieghu waqt l-interrogazzjoni, izda imbgahd ma jsemmi l-ebda numru. Inoltre, lanqas fiz-zewg stqarrijiet li gew rilaxxati mill-appellant m'hemm xi forma ta' indikazzjoni li n-numru tac-cellulari 79539906 kien jappartjeni lilu.

Illi umilment issir referenza ghall-prova li kellha tingieb mill-prosekuzjoni dwar il-fatt li l-vettura tal-marka Austin Metro, bin-numru ta' registrazzjoni IAL-624, li lemah PC880 kif xehed a fol. 67, kienet effettivament fil-pussess tal-appellant fil-hin tas-serqa in dizamina. Mill-assjem tal-provi jirrizulta li ghalkemm l-ewwel Qorti assumiet li din il-vettura kienet tappartjeni lill-appellant, l-uniku xhud produtt mill-prosekuzzjoni f'dan ir-rigward kien Cachia Stephen, li dak ix-xmien kien adett mal-Awtorita` Dwar it-Trasport Pubbliku. Dan xehed, a fol. 83 tal-process, dwar vettura bin-numru IAL-634 (u mhux dwar vettura bin-numru ta' registrazzjoni IAL-642), li wkollhija tal-marka Austin Metro. Irrizulta li din tappartejni lil certu Joseph Ellul. Bid-dovut rispett, din il-kwistjoni tal-vettura jidher li fixklet xi ftit lill-ewwel Qorti. Dan ghaliex, kifjirrzulta mis-sentenza mertu ghal dan l-appell, l-ewwel tlett referenzi li ghamlet l-ewwel Qorti ghan-numru tar-regiztrazzjoni ta' din il-vettura, ghamlitu tlett darbiet b'mod differenti, u cioe' IAL-624, IAL-642 u IAL-643. Ghalhekk, in sostenn ma dak premess fis-suespost, rinfaccata b'dan kollu l-ewwel Qorti ma setghet qatt issib lill-imputat hati tat-tielet akkuza.

Illi ghhalhekk jirrizulat ampjament car li z-zewg provi li fuqhom strahet l-ewwel Qorti, u cioe' ix-xhieda ta' PC880

u dik moghtija mir-rapprezentanti tas-socjeta` Go Mobile, kellhom fil-verita` jigu skartati kompletament. Oltre minn dawn il-provi, kif gie debitament spjegat, m'hemm l-ebda prova sufficjenti a bazi ta' liema l-imputat seta` jinstab hati tar-reati adebitati lilu.

3. Illi fit-tielet lok u inkwantu ghat-tielet imputazzjoni, u cioe' dik kontemplata fl-artikolu 110 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' malta, mill-provi li kellha quddiemha l-ewwel Qorti qatt ma setghet issib htija fl-appellant. Jidher illi dan ir-reat, ossia li wiehed b'mod qarrieqi jipprova johloq provi foloz, gie addebitat lill-imputat minhabba l-fatt li huwa kien ghamel rapport gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt Valletta dwar is-serq tal-vettura tieghu filwaqt li huwa kien qieghed gewwa l-bini tal-Qorti. Ghal din il-forma ta' alibi l-appellant ta x-xhieda teighu, li kienet korraborata bix-xhieda ta' ommu stess u b'verbal li gie pprezentat mid-Deputat Registratur tal-Qorti indikanti li dakinhar tas-serqa odjerna l-appellant kiellu seduta quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta). L-ewwel Qorti skartat kompletament ix-xhieda ta' omm l-appellant, minkejja li x-xhieda taghha ma gietx dubitata fl-ebda stadju mill-prosekuzzjoni.

Jidher allura li l-ewwel Qorti ghal darb' ohra strahet fuq il-prova xjentifika, li kif diga` gie sottomess din kellha tigi skartata stante li thalli dubji kbar.

Hawnhekk, l-ewwel Qorti kellha quddiema kunflitt kbir ta' provi, ghaliex min banda ghandek lil PC880 li jghid li ra lill-imputat f'karozza li kienet wieqfa, u mill-banda l-ohra ghandek ic-cahda kategorika tal-imputat kif korraborata bix-xhieeda ta' ommu u tad-Deputat Registratur. Miz-zewg sentenzi li gew ezebiti mill-prosekuzzjoni ghal dak li ghandu x'jaqsam ma ricediva, jidher car li l-appellant qatt ma kellu provlema biex jammetti l-htija ghal dak li jkun wettaq. Dan jirrizulta ampjament car minn fil. 55 u fol. 66 tal-process odjern. Ghaldaqstant, umilment izda b'mod konvincenti jigi sottomess li l-appellant lahaq il-grad tal-probabbli waqt id-difiza teighu inkwantu ghat-tielet imputazzjoni.

Ikkunsidrat.

Qabel ma l-Qorti tghaddi biex tikkunsidra l-meritu trid tiddisponi mill-ewwel agravju ta' l-appellant fis-sens illi l-imputat gie misjub hati ta' l-ewwel (1), ir-raba' (4) u l-hames (5) akkuza, mentri fil-fatt kien hemm biss erba' (4) akkuzi u mhxu hamsa (5). L-appellant argumenta illi nstab hati ta' akkuza li fil-verita ma tirrizultax mill-process u b'hekk inholoq dubju serju ghal liema akkuzi l-imputat instab hati jew sahansitra minn liema mputazzjonijiet gie lliberat, ghalhekk qajjem in-nullita tas-Sentenza bil-konsegwenza tal-liberazzjoni tieghu.

Ikkunsidrat.

Huwa minnu illi l-appellant huwa addebitat b'erba' (4) akkuzi u fl-ahhar bir-recidiva, veru illi din mhijiex akkuza izda addebitu u veru wkoll illi l-ewwel Qorti missha wzat kellma aktar idonja milli l-kelma akkuza ghal dan l-addebitu. Pero' fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-izball ma jwassalx ghan-nullita tas-Sentenza, fuq kollox mhuwiex minnu meta l-appellant jghid illi ma jafx ghalxiex gie misjub hati u ma jafx ghalxiex gie lliberat. Is-Sentenza hija cara u tindika ezattament ghal liema akkuzi qed jinstab hati u ghal liema qed jigi lliberat, l-appellant jaf ukoll li huwa recidiv u li nstab hati ta' dan l-addebitu. Fil-fatt fit-talba konkluzjonali tieghu l-appellant qieghed jitlob ir-riforma tas-Sentenza appellata fejn filwaqt illi ghandha tikkonferma fejn sabet lill-appellant mhux hati tat-tieni (2) u t-tielet (3) akkuza thassar u tirrevoka l-bqija tas-Sentenza u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija. Alternattivament qieghed jitlob ukoll riforma fil-piena billi tigi nflitta piena aktar ridotta, ghalhekk il-Qorti jidrilha illi m'ghandiex tilqa dan l-ewwel agravju ta' l-appellant.

Ikkunsidrat.

It-tieni agravu jikkoncerna l-meritu u l-appellant qieghed jallega illi sar apprezzament hazin tal-provi. Fil-fatt skont il-provi mresqa quddiem l-ewwel Qorti PC 880 Pantalleresco qatt ma qal li ra lill-imputat jigri bil-basket tar-reportiva f'idu u meta jaghmel xi referenza dina issir qieghda ghal xi persuna ohra deskritta bhala twila li zgur

ma kienx l-appellant. Mill-provi rrizulza illi ma kienx hemm a common design bejn l-appellant u min wettaq is-serqa u ghalhekk ma kienx il-kaz tal-komplicita. L-ewwel Qorti interpretat hazin dak illi qal PC 880 u rigward il-provi tas-Service Providers ma giex ippruvat fejn kienu l-antennas u tergal-informazzjoni moghtija bhala “unreliable”. Rigward il-vettura wzata mill-appellant ma kien hemm l-ebda prova illi din il-karozza kienet tappartieni lilu r-rapprezentant ta’ Transport Malta qal illi l-vettura tappartieni lil Joseph Ellul u l-Qorti assumiet illi dan kien missier l-appellant, ghalhekk l-ahjar prova hi mankanti u l-ewwel Qorti ma setghetx issib htija fuq dawn. L-appellant ukoll rrimarka illi dak iz-zmien kien dipendenti b’mod gravi fuq id-droga pero’ llum rranga hafna u m’ghadux jintgharaf mill-persuna illi kien qabel.

Ikkunsidrat.

Din il-Qorti ezaminat sew is-Senenza kif ukoll il-provi u l-Atti tal-kawza u sabet illi mill-provi illi kellha quddiemha l-ewwel Qorti setghet ragonevalment u legalment tasal ghal konkluzjoni illi waslet ghaliha. Din il-Qorti kkunsidrat kif PC 880 gharaf lill-appellant wara l-isteering tal-karozza u fuq dan ma kellu l-ebda dubju. PC 880 kien jaf lill-appellant minn qabel u ma setax jiehu zball f’din l-identifikazzjoni. Kienet ta’ min kienet il-karozza l-appellant kien fiha meta l-persuna ohra dahal fiha bir-rifortiva biex jahrab, ghalhekk ma hemmx kwistjoni ta’ komplicita peress illi kien fuq il-post u quindi jista jigi meqjus bhala ko-awtur. Rigward l-informazzjoni moghtija mis-Service Providers irrizulta illi t-tracking tal-vettura kien ezatt u tramite l-mobiles is-Service Providers kienu jafu ezatt min fejn kienet ghaddejja l-vettura u kienet din l-informazzjoni illi giet moghtija lill-pulizija illi qablet perfettament mal-pozizzjoni tal-vettura meta saret is-serqa u fejn spiccat. L-appellant ipprova jgib l-alibi illi kien il-Qorti dakinhar filghoud pero’ l-Qorti ma damx nofs ta’ inhar shih il ghaliex il-kawza tieghu ma saritx u maljar giet differita, ghalhekk seta’ facilment wara l-Qorti ltaqa mal-habib tieghu sabiex tigi mwettqa din is-serqa bil-mod kif giet deskritta mill-prosekuzzjoni. Ghalhekk il-Qorti meta tabbina x-xhieda ta’ PC 880 Pantalleresco illi gharaf lill-appellant fil-

karozza t-tracking tas-Service Providers tat-triq illi hadet il-karozza bl-oggetti formanti parti mir-rifortiva jinstabu fiha. Ghalhekk din il-Qorti tasal ghal konkluzjoni bhal ma waslet l-ewwel Qorti illi kien l-appellant il-persuna illi wettaq is-serqa tal-laptop, external floppy disc, cwievet u basket tal-canvas mill-karozza Hyundai Atos INK 128 ghad-detriment ta' sidha Marshal u Marianne Thorgny Anderson li kienet krietha minn ghand Marshal.  Din il-Qorti hija wkoll sodisfatta illi l-verzjoni moghtija mill-appellant hija ghal kollox inveritiera u falza, dana pprova jaghti stampa illi kien il-Qorti u meta mar ghal karozza ma sabiex ghax kienet misruqha u mar jaghmel rapport l-ghassa tal-pulizija. Dana r-rapport huwa wiehed manifestament falz intiz biex jaghmel bsaten fir-roti ghall-investigazzjoni tal-pulizija.  ghalhekk din il-Qorti ssib illi l-ewwel Qorti bil-provi illi kellha quddiemha setghet ragunevalment u legalment tasal ghal konkluzjoni illi waslet ghaliha, meta dan hu l-kaz mhuwiex il-kompitu tal-Qorti ta' l-Appell illi tiddisturba d-deskrizzjoni ta' l-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------